MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 255/2005

Rikors Nru.  255 / 05NC

Kawza fil-lista:  22

Wara l-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru kawtelatorji bin-numri rispettivi 1929/2004 u 1926/04 fl-ismijiet:

**Paul Falzon f' ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Tata Ltd. [Id.422060]**
**Vs**
**Madame X Ltd. [C18898]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fl-14 ta' Marzu 2005 mis-socjeta' Madame X Ltd. li permezz tieghu din is-socjeta', ghar-

ragunijiet hemm indikati, talbet inter alia r-revoka tal-mandati fuq imsemmija in bazi ghal-Artikolu 836 [1] tal-Kap.12, kif ukoll il-kunadanna ghall-hlas tal-penali a tenur tas-sub inciz [8] ta' l-istess Artikolu;

Rat id-dokumenti annessi, kif ukoll l-atti kollha tar-rikors;

Rat l-inkartament tal-kawza numru 843/04 fl-ismijiet "Tlata Ltd. vs Madame X Ltd." ceduta fil-15 ta' April 2005;

Rat il-kontro mandat mahrug fil-15 ta' April 2005 fuq istanza ta' l-imsemmi Paul Falzon pro et noe rigward il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1926/2004

Rat il-kontro mandat mahrug fl-20 ta' Gunju 2005 fuq istanza ta' l-istess Paul Farzon pro et noe rigward il-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1929/2004;

Rat il-verbal registrat mir-rikorrenti Madame X Ltd, fejn talbet li din il-Qorti tipprovdi dwar it-talba taghha ghall-imposizzjoni tal-pernali u l-kundanna ghall-ispejjez gudizzjarji;

Ikkunsidrat;

Illi fis-26 ta' Ottubru 2004 l-imsemmi Paul Falzon f' ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Tlata Limited talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru [nru.1926/04] u mandat ta' qbid [nru.1929/2004] ghal valur ta' Lm18,996.94 "ammont dovut rapprezentanti kambjali u valur ta' xogholijiet u materjal".

Illi sussegwentement, fit-3 ta' Novembru 2004, Tlata Ltd. pprezentat citazzjoni kontra Madame X Ltd. fejn talbet il-kundanna ta' din ghas-somma ta' Lm17,667.56 valur ta' kambjala [kopja taghha unita' ma' l-istess att], u ghas-somma ta' Lm1,329.47 rapprezentanti prezz ta' kompjuter u prezz bilancjali ta' xoghol u materjal ta' bini skond prospett anness ma' l-istess citazzjoni.

Illi fil-mori tar-rikors odjern, l-kawza giet ceduta minn Tlata Ltd. permezz ta' nota, prezentata fir-Registru fil-15 ta'

April 2005, li taqra hekk: “Nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha qed icedi l-kawza.”

Illi fil-mori tar-rikors odjern, il-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru fuq indikati gew revokati, fuq talba ta’ Paul Falzon pro et noe, bil-hurg ta’ zewg kontro mandati li jgibu rispettivament id-dati tal-15 ta’ April 2005 u tal-20 ta’ Gunju 2005, u r-raguni moghtija mill-istess Paul Falzon kienet “sabiex jirregola ruhu ahjar.”

Illi bil-hrug ta’ dawn il-kontro mandati, it-talbiet tar-rikorrenti bl-ittri [a] u [c] gew esawriti, u baqghu veljanti biss it-talba [b] u d-decizjoni dwar il-kap l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Illi t-talba [b] hija fis-sens li din il-Qorti “tikkundanna lis-socjeta’ Tlata Limited u Paul Falzon proprio jhallsu individwalment penali lill-esponenti f’ somma ta’ mhux anqas minn hames mitt lira malitn [m500] u mhux aktar minn tlett elef lira maltin [Lm3,000] ghal kull mandat a tenur tas-sub artikolu 8 ta’ l-artikolu 836 tal-Kap.12.”

Illi l-kawzali li fuqhom ir-rikorrenti qeda sserrah t-talba taghha ghall-hlas tal-penali huma: [1] li saret vjolazzjoni tad-dispost tal-para. [b] tal-imsemmi sub inciz [8] stante li qabel ma nhargu l-mandati in disamina minn Paul Falzon pro et noe dan “qatt ma nterpella lill-esponenti biex ihallsu l-kreditu meritu tal-mandati, kif ukoll tal-kawza.” u [2] li saret vjolazzjoni kontemplata fil-para. [d] ta’ l-istess sub inciz, stante li l-kambjala li fuqha hija bbazata l-pretensjoni tas-somma ta’ Lm16,677.56, hija ex facie nulla stante li ma ghandhiex fuqha l-firma tat-traent li hija rikjesta espressament mill-ligi.

Illi rigward l-ewwel kawzali l-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li fil-15 u fis-27 ta’ Jannar 2004 kienu ntbaghtu mill-imsemmi Paul Falzon zewg ittri legali, li pero’ ma jikkontjenux interpellanza ghall-hlas tad-debitu kif rikjsest mill-ligi.
Inoltre jirrizulta wkoll li, ghalkemm fis-27 ta’ Frar 2004 l-imsemmi Paul Falzon kien ipprezenta fil-konfront tar-rikorrenti ittra ufficjali interpellatorja, jirrizulta li dina ma

kienetx giet notifikata lilha, u skond ir-riferta hemm il-kliem "insufficient address". Ma jirrizultax li kien hemm xi tentattiv iehor ta' notifika.

Di piu', jigi osservat li Paul Falzon ma gab ebda prova diretta biex tistabilixxi li f' dan il-kaz kien hemm dik l-urgenza kontemplata fil-proviso tal-istess sub inciz li kienet tirrendi napplikabbli il-kontenut tal-praragrafu precedenti. Di fatti ma ngabu ebda provi f' dan ir-rigward.

Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmi Paul Falzon pro et noe kien mankanti f' dan l-obbligu tieghu.

Illi rigward it-tieni kawzali, il-Qorti tosserva li mill-kopja tal-kambjala esebita mal-att tac-citazzjoni jirrizulta li din il-kambjala hija mankanti f' wiehed mir-rekwiziti essenjali ghal validita' taghha u cioe' il-firma ta' traent. Ghaldaqstant l-ilment tar-rikorrenti in propositu huwa gustifikat fir-rigward ta' l-ammont ta' Lm17,667.56 li huwa l-parti sostanzjali tal-ammont globali mitlub. F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tikkondividi l-ilment tar-rikorrenti li l-mandati mahrugin fuq din il-kawzali ghandhom jitqiesu bhala frivoli u vessatorji.

Illi in vista tal-premess, it-talba ghal-kundanna ta' Paul Falzon pro et noe ghal-hlas tal-penali hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha. Il-fatt li fil-mori tar-rikors, Paul Falzon talab il-hrug tal-kontro mandati relattivi minghajr raguni specifika oltre dik "sabiex jirregola ruhu ahjar" – kif ukoll il-fatt li s-socjeta' Tlata Ltd. cediet l-atti tal-kawza, minghajr ma tat ebda raguni, jikkonfortaw din il-konkluzjoni tal-Qorti.

Mill-banda l-ohra pero' ma tikkondividix il-hsieb tar-rikorrent li l-l-penali ghandha tigi imposta fuq Paul Falzon proprio u fuq Tlata Ltd. separatament u individwalment, u dan stante li mill-atti jidher li d-decizjoni ghal hrug tal-mandati ttiehdet minn Paul Falzon li f' dak iz-zmien kien qed jirrapprezenta wkoll lil Tlata Ltd. Ghalhekk il-kundanna ghal hlas tal-penali ghandha tkun wahda fil-konfront ta' Paul Falzon proprio u Tlata Ltd. in solidum bejniethom.

Dwar il-kap ta’ l-ispejjez din il-Qorti tiddecidi li dawn ghandhom jigu sopportati kollha mill-imsemmi Paul Falzon kemm f’ ismu kif ukoll f’ isem l-imsemmija kumpanija, in solidum bejniethom.

Illi rigward il-quantum tal-penali jigi osservat ulterjorment li l-Qorti tat konsiderazzjoni ghall-fatt li, filwaqt li rrizulta nkontradett u konfermat bil-gurament mir-rappresentanta tas-socjeta’ rikorrenti li l-mandat ta’ sekwestru fixkel lill-istess socjeta’ fil-hajja kummercjali taghha senjatament fejn jidhol l-uzu tal-banek, il-mandat ta’ qbid jidher li kellu ftit li xejn effett negattiv fuq ir-rikorrenti, stante li kif jirrizulta mill-atti tal-mandat dan ma kienx gie esegwit, u ghalhekk gie revokat qabel ma gie esegwit.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba [b] kontenuta fir-rikors promotorju fis-sens li a tenur tal-Artikolu 836[8] u b’ referenza ghall-paragrafi [b] u [d] ta’ l-istess, tikkundanna lil Paul Falzon u lis-socjeta’ Tlata Ltd, fimkien u in solidum bejneithom ghal hlas tal-penali fis-somma ta’ hames mitt lira maltin [Lm500], u dan oltre l-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri li ghandhom jigu sopportati mill-istess.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra, stante li fil-konfront taghhom il-procediment gie esawrit bil-hrug tal-kontro mandati relattivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------